MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 200/2013

Il-**Pulizija**

**v.**

**AB**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmija AB, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru: AB quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, jew barra minn dawn il-Gżejjer, fl-10 ta' April 2012:

(1) kellha fil-pussess tagħha d-droga methadone speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi

ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 tal-1939) kif sussegwentement emendati u bi skur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

(2) bħala persuna li mhix impjegata fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorità leġittima, daħħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huma projbiti skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew ġarret jew ippruvat iġġorr xi oġġett bħal dawk barra minn xi ħabs, u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) f'dawn il-Gżejjer, fil-5 ta' Novembru 2012 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 tal-1939) jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 tal-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) ikkommetiet reat waqt li kienet taħt ordni operattiv ta' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta fit-23 ta' Mejju 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmija AB ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u, wara li rat l-artikoli 9 u 22(1)(a)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 4 tal-G.N. 292 tal-1939, l-artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll wara li rat l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ammissjoni bikrija, is-sentenzi esebiti fl-atti ta' din il-kawża u l-'pre-sentencing report', ikkundannat lill-istess AB għall-piena ta' sena priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' elfejn euro (€2000). L-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali peress illi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija AB ipprezentat fis-6 ta' Mejju 2013 fejn talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu għas-sejbien ta' ħtija tagħha u tirriformaha in kwantu għall-piena, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni tal-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellanti huwa dwar il-piena. Hija tgħid :

> "Illi filwaqt li huwa mifhum illi appell in segwitu ghal ammissjoni huwa wiehed odjuz, l-esponenti umilment tikkontendi li l-piena nflitta mill-Onorabbli Ewwel Qorti, setghet fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tkun aktar miti u ghalhekk l-esponenti titlob temperament fil-*quantum* tal-piena mposta fuqha.
>
> "Dan l-aggravju qieghed jingab stante li l-ammont ta' prigunerija u multa mposti fuq l-esponenti mill-Qorti tal-Magistrati jmur kontra kull forma ta' *harmonisation* ta' pieni u *sentencing policy* li l-Qrati adoperaw matul is-snin. Kien ghal dan il-ghan li d-difiza ipprezenta s-sentenzi li jinsabu in atti. L-ammont tal-piena jrid necessarjament jkun evalwat mill-ottika tal-hati li jkun ser jiskonta l-piena moghtija. Analizi tal-formula matematika adoperata mill-Ewwel Qorti turi kif l-esponenti minhabba traffikar ta' 7 grammi in total wehlet nofs il-piena li wehlet persuna li ttraffika ghal gol-habs kwazi 30 gramma droga. Dan kollu jiehu sfond aktar serju meta jitqies x'jintqal mill-awturi.
>
> "**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2008** jghid:
>
> "'Disparity of sentence may occur in a number of different forms. The most obvious is where one co-defendant receives a more severe sentence than the other, when there is no good reason for the difference (see, for example, R v Church, 7 Cr.App.R.(S.) 370, CA). There may equally be disparity when the defendants receive identical sentences, despite relevant differences in their culpability or personal circumstances (see R v. Sykes, 2Cr.App.R.(S.) 173, CA;.... There may equally be disparity where the difference between the sentences imposed on two defendants either exaggerates the difference in their culpability or personal circumstances (see R. v. Frankson [1996] 2 Cr.App.R(S.) 366,CA, or is insufficient to mark the difference (see R. v. Tilley, 5 Cr.App.R.(S.) CA; R. v. Griffiths [1996] 2 Cr.App.R(S.) 444, CA).' [5-106].
>
> "**Il-Blackstone** fuq dan il-punt jghid ukoll:
>
> "'The failure of the court of sentence to distinguish between offenders when one has powerful mitigation and the other does not can give rise to a successful ground of appeal against sentence." [D25.46]
>
> "L-esponenti ttenni li l-gurisprudenza nostrana uriet kif piena inflitta ghandha tohloq dak il-bilanc bejn l-interessi tal-vittma, tas-socjetà u, b'mod partikolari, tal-imputat, b'tali mod u manjiera li l-gustizzja trid tkun wahda ristorattiva u mhux

> biss retributorja. Vide f'dan is-sens is-sentenzi moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza l-Pulizija vs Aaron Pavia et., deciza fil-26 ta' Jannar 2001, u l-Pulizija vs Kevin Psaila deciza mill-Mag. Dr. C Scerri Herrera nhar il-25 ta' April 2005."

**6.** Qabel xejn irid jiġi rimarkat li dan huwa każ fejn l-appellanti ammettiet quddiem l-ewwel Qorti l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha, u li hija ppersistiet f'din l-ammissjoni anke wara li ngħatat ftit żmien biex tirrifletti fuq il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tagħha.

**7.** Issa, kif din il-Qorti kellha okkażjoni tosserva drabi oħra[1], fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**8.** Mhuwiex kontestat illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-liġi. Barra minn hekk il-ġurisprudenza Ingliża ċitata tirreferi għad-disparita` f'sentenzi fejn si tratta ta' ko-imputati, li mhux il-każ odjern. Ciononostante, din il-Qorti trid teżamina jekk l-ewwel Qorti ħaditx konjizzjoni ta' dawk il-fatturi kollha li jippuntaw lejn mitigazzjoni akbar tal-piena.

**9.** Minn eżami tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-ewwel Qorti ħadet konjizzjoni ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-appellanti, tas-sentenzi esebiti mid-difiża u tal-*pre-sentencing report*. Inoltre għamlet referenza għall-applikabilita` ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**10.** Mill-provi effettivament jirriżulta illi sfortunatament l-appellanti ħalliet lilha nnifisha tiġi manipulata mill-persuna li kienet tħobb. Iżda jirriżulta li qatgħet dan il-legami, fittxet għajnuna minħabba l-abbuż li kienet qed tagħmel tad-droga, baqgħet f'xogħol stabbli u rritornat tgħix mal-familja tagħha. Ovvjament il-liġi hi dik li hi u għar-reati miġjuba kontra tagħha għal ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta hemm piena tassativa ta' priġunerija.

---

[1] Ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta vs Serag F. H. Ben Abid** ta' l-4 ta' Dicembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Galea et** tad-29 ta' Lulju 2004.

**11.** Fl-atti tal-kawża, pero`, saret dikjarazzjoni mill-uffiċjal prosekutur illi l-appellanti setgħet tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm l-ewwel Qorti ma qalitx jekk kinitx sejra tnaqqas il-piena bi grad jew żewġ gradi, effettivament ħadet l-artikolu 29 in konsiderazzjoni.

**12.** Din il-Qorti, pero`, innotat li l-ewwel Qorti la applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2] b'referenza għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet, u lanqas l-artikolu 17(b)[3] tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**13.** Konsegwentement irid neċessarjament isir temperament fil-piena.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti għal priġunerija għal perijodu ta' sena u minflok tikkundannaha għal priġunerija għal perijodu ta' disa' xhur filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin li l-appellanti għandha tkompli bil-programm ta' rijabilitazzjoni minħabba l-problema tad-droga.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] "meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi."

[3] "persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biżżieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien, b'dan li ż-żmien li jingħata ma jiskorrix ħamsa u tletin sena".